# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 246/2014

## tat-13 ta' Marzu 2014

## li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mat-tneħħija ta' ċerti sustanzi aromatizzanti mil-lista tal-Unjoni

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar aromatizzanti u ċerti ingredjenti tal-ikel bi proprjetajiet aromatizzanti għall-użu fl-ikel u fuq l-ikel u li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 1601/91, ir-Regolamenti (KE) Nru 2232/96 u (KE) Nru 110/2008 u d-Direttiva 2000/13/KE ([1]), u b'mod partikulari l-Artikolu 11(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1331/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 li jistabbilixxi proċedura ta' awtorizzazzjoni komuni għall-addittivi tal-ikel, l-enżimi tal-ikel u l-aromatizzanti tal-ikel ([2]), u b'mod partikulari l-Artikolu 7(4) tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ħwawar u tal-materjali mis-sors approvati għall-użu fl-ikel u l-kundizzjonijiet tal-użu tagħhom.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 872/2012 ([3]) adotta l-lista ta' sustanzi aromatizzanti u daħħalha fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008.

(3) Dik il-lista tista' tiġi aġġornata skont il-proċedura komuni msemmija fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1331/2008, jew fuq inizjattiva tal-Kummissjoni jew wara li Stat Membru jew parti interessata tagħmel talba għal dan.

(4) Il-Parti A tal-lista tal-Unjoni fiha għadd ta' sustanzi li għalihom l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel għadha ma temmitx l-evalwazzjoni jew li għalihom talbet dejta xjentifika addizzjonali sabiex tkun tista' tlesti l-evalwazzjoni. Fil-każ ta' 19-il sustanza minnhom, il-persuni responsabbli għat-tqegħid fis-suq ta' dawn is-sustanzi aromatizzanti issa rtiraw l-applikazzjonijiet tagħhom. Għaldaqstant, dawk is-sustanzi aromatizzanti għandhom jitneħħew mil-lista tal-Unjoni.

(5) Għalhekk, il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 għandha tiġi emendata kif xieraq.

(6) Skont l-Artikolu 30 tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008, is-sustanzi aromatizzanti li mhumiex fil-lista tal-Unjoni jistgħu jitqiegħdu fis-suq bħala tali u jintużaw fl-ikel jew fuq l-ikel sat-22 ta' Ottubru 2014. Minħabba li s-sustanzi aromatizzanti diġà jinsabu fis-suq fl-Istati Membri u sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel lejn proċedura ta' awtorizzazzjoni tal-Unjoni, fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 873/2012 ([4]) ġew stabbiliti miżuri tranżitorji għall-ikel li jkun fih dawk is-sustanzi.

(7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 għandha tiġi emendata skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

([1]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 34.
([2]) ĠU L 354, 31.12.2008, p. 1.
([3]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 872/2012 tal-1 ta' Ottubru 2012 li jadotta l-lista ta' sustanzi aromatizzanti stipulati bir-Regolament (KE) Nru 2232/96 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, jintroduċiha fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1565/2000 u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/217/KE (ĠU L 267, 2.10.2012, p. 1).
([4]) Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 873/2012 tal-1 ta' Ottubru 2012 dwar miżuri tranżitorji li jirrigwardaw il-lista ta' ħwawar u materjali mis-sors stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 267, 2.10.2012, p. 162).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Marzu 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS*

Fil-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1334/2008, għandhom jitħassru l-annotazzjonijiet li ġejjin:

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| "01.015 | Vinilbenżen | 100-42-5 | | 11022 | | | 1 | L-EFSA |
| 02.122 | p-menta-1,8(10)-dien-9-ol | 3269-90-7 | | | | | 2 | L-EFSA |
| 09.809 | aċetat ta' p-menta-1,8(10)-dien-9-il | 15111-97-4 | | 10743 | | | 2 | L-EFSA |
| 12.114 | Trisulfur tad-dietil | 3600-24-6 | 1701 | 11451 | | | 4 | L-EFSA |
| 12.120 | 2,8-epitijo-p-mentan | 68398-18-5 | 1685 | | | | 4 | L-EFSA |
| 12.159 | Metantijosulfonat tal-metil | 2949-92-0 | | 11520 | | | 3 | L-EFSA |
| 12.256 | Trisulfur tal-etil u tal-propil | 31499-70-4 | 1695 | | | | 4 | L-EFSA |
| 12.272 | Propantijosulfonat tal-propil | 1113-13-9 | 1702 | | | | 3 | L-EFSA |
| 13.029 | 2,5-dimetilfuran | 625-86-5 | 1488 | 2208 | | | 3 | L-EFSA |
| 13.030 | 2-metilfuran | 534-22-5 | 1487 | 2209 | | | 3 | L-EFSA |
| 13.092 | 2-etilfuran | 3208-16-0 | 1489 | 11706 | | | 3 | L-EFSA |
| 14.145 | Pirrol-2-karbaldeid | 1003-29-8 | | 11393 | | | 4 | L-EFSA |
| 14.163 | 1-metilpirrol-2-karbossaldeid | 1192-58-1 | | | | | 4 | L-EFSA |
| 14.169 | 1-etil-2-pirrolkarbossaldeid | 2167-14-8 | | | | | 4 | L-EFSA |
| 15.064 | 2,5-dimetiltijofen | 638-02-8 | | | | | 4 | L-EFSA |
| 15.072 | 2-etiltijofen | 872-55-9 | | 11614 | | | 4 | L-EFSA |
| 15.091 | 2-metiltijofen | 554-14-3 | | 11631 | | | 4 | L-EFSA |
| 15.092 | 3-metiltijofen | 616-44-4 | | 11632 | | | 4 | L-EFSA |
| 16.124 | (1R,2S,5R)-N-ċiklopropil-5-metil-2-isopropil ċikloeżankarbossammid | 73435-61-7 | | | | | 1 | L-EFSA". |